MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-4 ta' April, 2005

Talba Numru. 138/2005

**Maltacom p.l.c. C22334**

**Vs**

**Lawrence Cassar (I.D. 150767M)**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm152.55c (mija u tnejn u hamsin lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu) rapprezentanti servizz telefoniku bin-numru 21891217 installat fil-fond 52, 'Shine On House', Triq il-Parrocca, Luqa u li precedentement kellu n-numru 681217.

Illi nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas baqa' nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-imghax u bl-ispejjez.

Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema' lil Dr Ingrid Zammit Young tikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------